# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta tad-Distrett tal-Imsida

Il-Pulizija

Vs

Carmel Grech

Illum, 9 ta' April, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Carmel Grech ta' 72 sena, mwieled Pieta' nhar l-20 ta' Frar 1951, bin Antonio u Luigia nee' Debono, residenti 14, Flt 3, Triq St. Sebestian, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' numru 214051 M akkuzat talli fis-sena 2017 u/jew fis-snin ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, f' dawn il-gzejjer:

1. Ircieva minghand xi haddiehor u cioe' Maria Mallia jew kiseb minghand xi haddiehor u cioe' Maria Mallia xi weghedha li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b' korrispettiv ghal xi self, mghaxxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun b' eccess minn dak li hu permess bil-ligi.

Il-Qorti giet mitluba biex f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda ta' Karen Falzon li ezebiet sentenza Dok. KF; ta' Maria Concetta Mallia; tal-Ispettur Jonathan Ransley li ezebixxa zewg kopja ta' ktieb Dok. JR u Dok JR 1 u stqarrija Dok. JR 2, kuntratt Dok. JR 3 fis-seduta tat-8 ta' Frar 2023; in-Nutar Nicholas Briffa fis-seduta tas-16 ta' Mejju, 2023;

Rat li fis-seduta tat-8 ta' Frar, 2023 il-parte civile qed jirrinunzjaw ghax-xhud Carmel Mallia minhabba ragunijiet medici.

Rat li fis-seduta tas-16 ta' Mejju, 2023 l-parte civile u l-Prosekuzzjoni ghalqu l-provi.

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2024, id-difiza tiddikjara li maghadniex provi imma qed tecepixxi l-preskrizzjoni.

Rat l-art. 298C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat

Provi prodotti mill-prosekuzzjoni.

**Karen Falzon**, Registratur tal-Qrati Civili u Tribunal xehdet fis-seduta tat-8 ta' Frar 2023. Tipprezenta kopja tas-sentenza rikors guramentat numru 719/17 fl-ismijiet Carmel Mallia u Maria Mallia vs Carmel Grech deciza fis-16 ta' Dicembru 2020 mill-Onor. Imhallef Dr. Francesco Depasquale.

**Maria Concetta Mallia** xehedet fis-seduta tat-8 ta' Frar, 2023. Taghraf lil imputat fl-awla. Tixhed li kienet tissellef minghandu, l-ewwel bdiet xi € 200, € 300 u mbghad

issellfet € 25,000. L-ammont globali li hadet kien € 30,000 u halset € 45,000. L-ammont ta' € 30,000 kien tahomlha quddiem in-Nutar Nicholas Briffa.

Bdiet thallsu € 250 fil-gimgha. L-imputat kien jigi ghaliehom il-Gzira. Kienet thallas € 250 kull nhar ta' Tnejn ghal tlett snin. Ghandha ktieb li ghadu ghandha d-dar. Fuq dan il-kaz ma baghat ghalieha l-Ispettur Jonathan Ransley u urietlu d-dokumenti.

Wara li nghatat s-sentenza tal-Qorti Civili qatt ma ltaqghet mieghu lil imputat.

Tixhed li qatt ma tkellmu fuq rata tal-imghax, qatt ma ftehmu fuq persentagg imma ftehmu fuq ammonti. Kienet taf minn qabel li ser thallas € 45,000, dan kien l-arrangjament ta' bejniethom.

**Spettur Jonathan Ransley** xehed fis-seduta tat-8 ta' Frar, 2023. Kien ircieva ordni mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex jinvestigaw il-kaz. Dak iz-zmien kienet giet ghandu s-sinjura Maria Mallia fejn kienet qaltlu li jista' jkun hemm xi uzura pero' dak iz-zmien ma kienitx ghamlet rapport ufficjali. Dan kien fis-sena 2017 / 2018. Lil imputat kellmu darbtejn u qed jaghrfu fl-awla.

L-ewwel darba li giet is-sinjura Maria Mallia kienet qalet hi li Carmel Grech kellu ktieb li skont hi kienet jinqatghu l-pagamenti u kien jiffirma Carmel Grech u Maria Mallia. Kienet qaltlu li meta bdew jinqatghu l-pagamenti ghamlilha ktieb iehor fejn talabha € 50 extra fix-xahar. Kien ha kopja ta' kull faccata ta' kull ktieb li gabitlu Maria, l-originali haditu lura. Ix-xhud jezebixxi l-kopja.

Fuq li qaltlu Mallia kien baghat ghal Carmel Grech u kien talbu igib il-ktieb mieghu u kien ha kopja ta' kull faccata u l-ktieb inghata lura. Dan kien fis-sena 2017.

Wara li giet deciza l-kawza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili rega' baghat ghal partijiet u Mallia regghet ikkonfermat dak li qalet fil-kawza civili. Mbghad baghat ghal Carmel Grech u hadlu stqarrija, - l-istqarrija giet ezebita mix-xhud.

Mill-informazzjoni li ghandhom ix-xhud li ghandu l-laqam 'il-Como' jsellef il-flus.

L-ispettur jezrbixxi ukoll kopja tal-kuntratt ta' self li ghamlu l-imputat u l-parte civile quddiem in-Nutar Nicholas Briffa.

**In-Nutar Dr Nicholas Briffa** xehed fis-seduta tas-16 ta' Mejju, 2023. Jikkonferma l-kuntratt pubbliku tad-29 ta' Jannar, 2014 li huwa ezebit in atti. L-originali tal-kuntratt huwa depozitat man-Nutar tal-Gvern.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' kuntratt pubbliku datat 29 ta' Jannar, 2014 ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Briffa Maria (Maria Concetta) Tanti, llum Mallia ikkonstitwiet ruhha veru, cert u likwidu debitur a favur ta' Carmel sive Charles Grech, l-imputat, fis-somma ta' hamsa u erbghin eld ewro (€ 45,000) u Carmel Mallia ikkostitwixxu ruhu garanti ghal din is-somma u accetta li ssir ipoteka specjali fuq propjeta' tieghu.

Permezz ta' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Carmel Mallia u Maria Mallia vs Carmel Grech li giet ipprezentata fit-8 ta' Awissu, 2017 u deciza fis-16 ta' Dicembru, 2020 l-Prim' Awla tal-Qorti Civili laqhghet it-talbiet tal-atturi u ordnat lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex iniedi proceduri kriminali fil-konfront ta' Carmel Grech fuq akkuzi dwar self ta' flejjes bl-uzura u akkuzi ohra relattivi li jista' jirrizultalu l-Kummissarju tal-Pulizija in konnessjoni ma' l-istess fatti.

Il-proceduri odjerni kontra l-imputat gew pprezentati f' Ottubru 2022 u l-ewwel udjenza fejn kien hemm prezenti l-imputat saret fit-8 ta' Frar, 2023.

Ikkunisdrat

L-imputat fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2024 ecepixxa l-eccezzjoni tall-preskrizzjoni.

Skont l-art. 298C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-piena ghal dan ir-reat huwa ta' piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tmintax-il xahar u għall-ħlas ta' multa minn elfejn tliet mija udisgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) saerbgħa u tletin elf disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu

Illi skont l-artikolu 688 (d) tal-Kap. 9 tal-Lijigiet ta' Malta l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba'snin u mhux anqas minn sena;

Dan ma huwiex kaz fejn l-imputat ma kienx maghruf. L-imputat u l-parte civile dahlu personalment f' kuntratt pubbliku datat 29 ta' Jannar, 2014 u f' Awissu tas-sena 2017 u l-parte civile istitwiet proceduri civili fil-konfront tal-imputat u ftit qabel waqfet thallas.

Ma hemmx prova ta' meta l-imputat gie notifikat bil-proceduri penali pero' fis-seduta tal- 8 ta' Frar 2023 huwa attenda ghall-ewwel seduta.

Il-Qorti tikkunsidra li kemm jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni d-data tal-kuntratt u kemm jekk tiehu in konsiderazzjoni d-data tal-prezentanta tal-kawza civili bhala data ta' meta l-parte civile ghamlet l-ahhar pagament lil imputat il-hames snin ta' preskrizzjoni ghaddew.

**Decide**

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli art. 298 (c), 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-difiza u b' hekk tiddikjara l-azzjoni fil-konfront tal-imputat Carmel Grech preskritta u konsegwentement estinta u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**